MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 1370/2001/1

**Galleria Management Limited
v.
Derby International Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Lulju, 2001 is-socjeta` attrici ppremettiet illi d-ditta konvenuta kienet tiggestixxi hanut fil-Galleria Shopping and Entertainment Centre, Fgura, u ghandha taghti lid-ditta attrici s-somma ta' Lm29,315.81, arretrati ta' kera u taxxa ghall-*maintenance* ta' l-*areas* komuni tal-kumpless, u kontribuzzjoni ghall-*marketing* (inkluzi l-imghaxijiet legali sat-30 ta' April, 2001, kollox skond ftehim iffirmat bejn il-partijiet, liema somma hija dovuta

oltre s-somma ta’ Lm4,000 li tifforma l-meritu ta’ kawza ohra bejn l-istess partijiet numru 1809/00JRM pendenti quddiem l-istess Prim Awla; illi d-ditta konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas dan id-dejn, izda baqghet inadempjenti; dan premess id-ditta attrici talbet li dik il-Qorti:
“tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas lid-ditta attrici s-somma ta’ Lm29,315.81 (disa’ u ghoxrin elf, tlett mija u hmistax-il lira maltija u wiehed u tmenin centezmu) kif fuq inghad; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Mejju 2001….”

B’nota pprezentata fit-23 ta’ Ottubru, 2001 il-konvenuti eccepew:
“Illi l-ebda pagament m’hu dovut kif pretiz mid-ditta attrici, u dan billi kienet din l-istess ditta attrici li naqset li tonora l-obbligi minnha assunti fil-lokazzjoni ghal liema ssir riferenza fl-istess citazzjoni;

“Illi fi kwalsiasi kaz il-meritu huwa intimament konness ma’ dak tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi Nru. 1809/00 u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-konnessjoni tal-liti;

“Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

“Illi in kwantu l-attur qieghed jitlob il-hlas ta’ penali l-ebda penali ma hija dovuta billi s-socjeta` konvenuta kienet fl-impossibbilita’ li tiftah l-istess hanut;

“Illi fl-ahhar nett id-ditta konvenuta gja avvalliet ruhha mic-citazzjoni Nru. 1809/00 ta’ l-atturi biex tistitwixxu kontro-talba u ghalhekk dina c-citazzjoni trid tinstema’ flimkien mal-kawza gja pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

**Is-sentenza appellata**
Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fis-6 ta’ Ottubru, 2006 fejn cahdet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta u laqghat it-talbiet attrici, u konsegwentement ikkundannat lis-socjeta`

konvenuta thallas is-somma ta’ disgha u ghoxrin elf, tliet mija u hmistax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM29,315.81) (ekwivalenti llum ghal €68,287.46) bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kif mitluba, u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi dina l-kawza hija konnessa ma’ l-ohra fl-istess ismijiet, numru 1809/00GV, u, permezz ta’ digriet tat-22 ta’ Novembru, 2001, fol 13 il-provi migjuba mill-partijiet fiz-zewg kawzi nstemghu flimkien u ghalhekk l-istess konsiderazzjonijiet li saru fil-kawza l-ohra ghandhom japplikaw ghal dina l-kawza.

“Illi s-socjeta` attrici qeghda titlob il-hlas ta’ Lm29,315.81 minghand il-konvenuti ghal kera, taxxa, maintenance tal-partijiet komuni u kontribuzzjoni ghall-marketing tal-fond proprjeta` taghha, Galleria Shopping and Entertainment Centre, gewwa l-Fgura, skond ftehim iffirmat bejniethom.

“Il-konvenuti ma kkontestawx l-ammont mitlub imma qed jghidu illi xejn ma hu dovut ghax is-socjeta` attrici m’ottemperatx ruhha mal-ftehim. Dan il-punt gia` gie deciz fil-kawza l-ohra.

“Dwar l-eccezzjoni moghtija mill-konvenuti li tirrigwarda penali, il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova siewja mill-konvenuti f’dan ir-rigward, u mkien ma jidher illi l-atturi talbu il-hlas ta’ xi penali.”

**L-appell tas-socjeta` konvenuta**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata w b’rikors intavolat fl-20 ta’ Ottubru, 2006 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar l-imsemmija sentenza billi tichad it-talbiet attrici u tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici pprezentat risposta ghal dan l-appell fejn gie sottomess li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

Fl-udjenza tat-3 ta’ Frar, 2009 id-difensuri tal-partijiet qablu li jigu allegati ma’ l-atti ta’ din il-kawza l-atti tal-kawza Citaz. Nru. 1809/00 fl-istess ismijiet, peress illi l-provi jidher li ngabru f’dik il-kawza l-ohra u mhux f’din il-kawza.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta ressqet diversi aggravji kontra s-sentenza appellata pero`, apparti l-ewwel aggravju fejn qed jinghad li l-ewwel Qorti akkordat imghaxijiet meta effettivament m’hemm ebda talba f’dan is-sens kontenuta fic-citazzjoni promotorja, jidher li l-aggravji l-ohra kollha huma jew kellhom jigu indirizzati kontra s-sentenza fil-kawza fl-istess ismijiet li ggib in-numru 1809/2000 deciza ukoll in prim istanza fis-6 ta’ Ottubru, 2006.

Fir-rigward ta’ l-ewwel aggravju jinghad biss li dak li gie allegat fir-rikors ta’ l-appell tas-socjeta` konvenuta ma ghandux mis-sewwa. Infatti jidher car li fl-att promotur u cioe` c-citazzjoni intavolata fl-24 ta’ Lulju, 2001 is-socjeta` attrici talbet ukoll l-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Mejju, 2001.

Ghar-rigward ta’ l-aggravji l-ohra ghandu jinghad li dawn huma kollha indirizzati lejn dak li qalet l-ewwel Qorti, kemm dwar it-talba principali, kif ukoll dwar il-kontro-talba fis-sentenza moghtija fis-6 ta’ Ottubru, 2006 fil-kawza bejn l-istess partijiet li ggib in-numru 1809/2000. <u>Din is-sentenza ma gietx appellata u kwindi llum ghaddiet in gudikat</u>.

Jinghad ghal kjarezza li fis-sentenza fil-kawza 1809/2000 l-ewwel Qorti kienet ezaminat *funditus* l-eccezzjoni tas-socjeta` Derby International Limited li, similment bhal fil-proceduri odjerni, kienet eccepiet in-nuqqas ta’ obbligu ta’ hlas ta’ kera u drittijiet ohra dovuti lis-socjeta` attrici minhabba l-inadempjenza kuntrattwali tal-istess socjeta` attrici. Kienet ukoll ezaminat il-kontro-talba proposta mis-socjeta` konvenuta fejn l-istess socjeta` talbet il-likwidazzjoni u hlas tad-danni dovuti lilha mis-socjeta` attrici fuq il-pretest li l-istess socjeta` attrici kienet naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali minnha assunti fil-

kumpless tan-negozju maghruf bhala Gallerija Shopping and Entertainment Centre.

Wara li ghamlet dan kollu l-ewwel Qorti kkonkludiet il-kawza Citazjoni Numru 1809/2000 billi laqghet it-talba attrici u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ LM4,000 mitluba fic-citazzjoni, bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kif mitluba u dana billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-istess socjeta` konvenuta. Dwar il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta din giet michuda previa l-akkoljiment tat-tieni u tielet eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta w dana bl-ispejjez tal-kontro-talba wkoll a kariku tas-socjeta` konvenuta.

Rinfaccjata b’din is-sitwazzjoni fattwali u legali din il-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjeta` konvenuta, minghajr ma intavolat ebda appell kontra s-sentenza fil-kawza Citazjoni Numru 1809/2000, tista` tippretendi li, f’appell minn kawza ohra bejn l-istess partijiet, din il-Qorti tirrivedi d-decizjonijiet (ghal dawk li huma t-talbiet u l-kontro-talbiet fil-kawza 1809/2000) ta’ l-ewwel Qorti li llum, kif inghad fuq, ghaddew in gudikat.

Fis-sentenza fil-kawza Citazjoni Numru 1809/2000 jinghad espressament mill-ewwel Qorti li “*Din il-Qorti taqbel illi ma kien hemm ebda obbligazzjoni li ma twettqitx mis-socjeta` attrici, u li ma kien hemm ebda garanzija jew obbligazzjoni. Il-konvenuti komplew fil-kirja minkejja kullma kienu jafu u ma jistghux jippretendu li ma jottemperawx ruhhom ma’ dak illi intrabtu in iskritt li jaghmlu.*”

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------